## SESS

"Hu diffiċli li nwarrab dak li hu mistenni minni. Għaliex jiena mara r-responsabiltajiet tal-familja u tad-dar dejjem jaqgħu fuqi. Jidher li lanqas jimporta li jien ikolli nwarrab ukoll impjieg bi qliegħ."

## RAZZA U ORIĠINI ETNIKA

"In-nies ma jafux eżattament min jien. Huma jafu biss dwari minn kif l-immigranti jintwerew fuq il-media u minn dak li jaraw iseħħ fiċ-ċentri ta' detenzjoni."



## ORIENTAZZJONI SESSWALI

"Ma nistax nagħmel passiġġata max-xtajta u nżomm id il-persuna li jien verament inħobb mingħajr ma nesperjenza abbuż verbali."

## ETÀ

"Jien għandi ideat u fehmiet imma anki jekk niġi nesprimihom qatt ma jiġu kkunsidrati."

"L-edukazzjoni hi importanti għaliex, qabel xejn, in-nies għandhom bżonn ikunu jafu li d-diskriminazzjoni għadha teżisti. Din għadha reali fuq il-post tax-xogħol, fl-iskejjel u f'postijiet tad-divertiment u aħna m'għandniex noħduha daqslikieku m'hu qed jiġri xejn."



## DIŻABILITÀ

"Jiena naf li meta mmur x'imkien, in-nies jew jibżgħu minni jew jaħsbu li bhat-tfal nirraġuna."

## RELIĠJON / TWEMMIN

"Din hija r-reliġjon tiegħi imma n-nies jużawha bħala preġudizzju kontrija. Hekk kif jarawk li inti Musulman bħal donnok issir stramb, ta' bixra li tbeżża' u li ma tistax tafdak. Din hi l-problema tal-isterjotipi."



## Definizzjonijiet

Diskriminazzjoni sseħħ meta persuna jew grupp/i ta' persuni jkunu ttrattati b'mod inġust minħabba:

1. Is-sess
2. Reliġjon / Twemmin
3. Razza u Oriġini Etnika
4. Età
5. Orjentazzjoni Sesswali
6. Diżabilità

## Diskriminazzjoni Diretta

Meta persuna tiġi ttrattata b'mod inqas favorevoli minn persuna oħra f'sitwazzjoni li fiha dawn ikunu jistgħu jitqabblu ma' xulxin.

## Diskriminazzjoni Indiretta

meta sitwazzjoni (kriterju jew prattika) li tidher newtrali tpoġġi lill-persuna fi żvantaġġ partikolari meta titqabbel ma' persuni oħra.

## Fastidju

Fastidju jseħħ bl-iskop jew l-effett li jxejjen id-dinjità tal-persuna u joħloq ambjent intimidatorju, ostili, degradanti, umiljanti u offensiv.

L-NCPE hi entità indipendenti ffinanzjata mill-Gvern imwaqqfa f'Jannar 2004 permezz ta' Kapitlu 456 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-NCPE hi responsabbli li tħares it-trattament ugwali fl-oqsma tal-ugwaljanza bejn is-sessi u r-responsabbiltajiet tal-familja fl-impjiegi, l-edukazzjoni u s-servizzi finanzjarji, kif ukoll fl-oqsma tal-ugwaljanza abbażi tas-sess u tar-razza jew oriġini etnika fl-aċċess għal u l-provvista ta' oġġetti u servizzi.

NCPE

Biex tikkuntattjana:

Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza

Dar Gattard, Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda ĦMR 9010
Tel: (+356) 25903850
Email: equality@gov.mt
Website: www.equality.gov.mt

# Above all we're human

THINK EQUAL

Let's say no to discrimination because we are all equal.

This project is supported by the European Union Programme for Employment and Social Solidarity - PROGRESS (2007-2013). This programme is implemented by the European Commission.

This information does not necessarily reflect the opinion or the position of the European Commission.

NCPE

The European Commission's anti-discrimination campaign

FOR DIVERSITY AGAINST DISCRIMINATION
www.stop-discrimination.info